Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,333, 24 ta' Diċembru, 2002
Taqsima B

A.L. 389 ta' l-2002

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 24 u 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ħawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att, liema Ħdax-il Skeda qegħda ħawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandu jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2003.

Jemenda l-partita 4 ta' l-Iskeda.

2. Minnufih wara s-subparagrafu (v) tal-paragrafu (1) (a) tal-partita 4 ta' l-Iskeda, għandhom jidħlu s-subparagrafi li ġejjin:

"(vi) il-provvista ta' gass f'ċilindri;

(vii) il-provvista ta' elettriku;".